**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 62/2015**

**Carmelina sive Lina Galea (KI 501147M)**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jgħid hekk:

"1. Illi l-esponenti hija proprjetarja tal-fond ossia store bl-isem ta' 'Brian' ġewwa Triq Mikiel Anton Vassali, Qormi, u li huwa mikri lil Joseph Mifsud, bil-kera korrenti ta' elf mitejn u tnejn u tmenin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1282.87) fis-sena, u li titħallas kull sena bil-quddiem, kull l-ewwel (1) t' Awwissu ta' kull sena.

2. Illi l-intimat mhux qiegħed jagħmel użu minn dan il-fond, u kwindi uża l-fond xort' oħra milli għall-iskop li l-fond ġie lilu mikri, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

3. Illi inoltre l-intimat ħalla dan il-fond fi stat ħażin ta' manutensjoni u ta' abbandun, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, u b'hekk għamel ħsara ħafna lill-istess fond kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

4. Illi, għalkemm interpellat, l-intimat baqa' inadempjenti.

5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

6. Illi fl-opinjoni umli ta' l-esponenti, l-intimat ma għandu l-ebda difiża xi jressaq kontra t-talbiet taħt dedotti, u għalhekk titlob li r-rikors jiġi trattat bil-proċedura sommarja a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijet l-esponetni titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jogħġbu għar-raġunijiet premessi, jawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriprendi l-pussess vakanti ta' dan il-fond, ossia, l-istore bl-isem 'Brian' ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Qormi u jordna lill-intimat Joseph Mifsud sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn dan l-Onorabbli Bord, jiżġombra mill-istess fond, bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Ra illi l-intimat ma preżenta l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti talbu li (a) ir-ripreza tal-fond mertu tal-kawza u (b) l-izgumbrament tal-intimat.

Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors u bid-digriet relattiv skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 08 sa 11 tal-process u bid-digriet u l-avviz tas-smigh skont riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 17 sa 24 tal-process.

Illi l-intimat ma prezenta l-ebda risposta sabiex jikkontesta t-talba u lanqas deher quddiem il-Bord sabiex jikkontesta t-talba.

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti t-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien xahar mil-lum. Spejjez a karigu tal-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur